MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 206/2002/1

**Camilleri Paris Mode Limited**

**Vs**

**Mario Spiteri f'ismu proprju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Marcarm Services Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut pro et nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hamsin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm1,650.79) rapprezentanti bilanc minn somma akbar mill-konvenut dovuta lis-socjeta' attrici versu l-prezz ta' materjal konsistenti fi drapp u materjal ancillari lill-konvenut mibjugh u supplit.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mis-6 ta’ Frar 2002 sad-data tal-hlas effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut pro et nomine u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament il-konvenut Mario Spiteri m’hux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza peress illi meta sar in-negozju in kwistjoni huwa kien qieghed jagixxi fil-kwalita tieghu ta’ rapprezentant tas-socjeta Marcarm Services Co. Ltd.
2. Illi it-talba tas-socjeta attrici hija eccessiva stante li l-bilanc dovut huwa ta’ Lm745.20,0 bilanc li s-socjeta konvenuta ippruvat thallas diversi drabi, liema hlas gie ripetutament rifjutat ingustament.
3. Illi, ghaldaqstant, in vista tas-suespost, entrambi l-konvenuti m’ghandhomx ibghatu ebda spejjez.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 79 tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Mark Camilleri</u> (fol 15 et seq ibid) spjega li s-socjeta attrici hi involuta fil-bejgh ta’ drappijiet u oggetti ossija artikoli relatati. Difatti l-ammont mitlub fl-avviz jikkonsisti f’bilanc ta’ somma akbar dovut bhala prezz ta’ bejgh ta’ dan it-tip ta’ oggetti. In rigward <u>l-ordni</u> relattiva din kienet saret minn Mario Spiteri, l-konvenut u l-materjal ordnat, kollu kemm hu, kien gie konsenjat lill-hajjata inkarigata mill-istess konvenut. In rigward il-pagament ix-xhud spjega, anke permezz ta’ “<u>statement</u>” esebit minnu (ara fol 19 ibid) illi kienu saru pagamenti konsistenti f’ Lm750 bhala l-hekk imsejjah “depositu” kif ukoll zewg pagamenti ta’ Lm500 kull wiehed permezz ta’ zewg “cheques post-dated” bin-notament “The rest (jew more “cheques”) will follow” (ara fol 31 ibid). Dwar il-bilanc dovut, pero’, permezz ta’ diversi telefonati, l-konvenut kien informah illi “… ma kienx qed jaqbel mat-total” fis-sens illi ma kienx

hemm qbil mal-“quotation” originali (ara fol 32 et seq ibid). Hu spjega li din kienet giet kalkolata permezz tas-sistema kif deskritta minnu bi “breakdown” ta’ kull kawza. Pero, meta kienet saret “… tnejn minn dawn is-‘cells’ (‘boxes’) ma gewx … ippakjati .. fis-sens (li) huma mnizzlin, pero’, meta hdimna it-total ma gewx inklusi … bi zball”. Dawn kienu l-kamra tas-sodda principali u l-intrata bil-valur tad-drapp li kellu jintuza f’dawn iz-zewg partijiet ammontanti ghal Lm900 ammont ferm anqas minn dak mitlub fl-avviz, Ix-xhud specifika ukoll illi, meta kienet saret l-ordni, l-konvenut kien di gja nghata skont fil-prezz ma kull fattura li kienet tintbaghat lilu. Inoltre l-konvenut ma kienx accetta proposta li saritlu, illi jhallas il-bilanc dovut hlief ghall-ammont ta‘ Lm900 imsemmi bil-kwistjoni tibqa’ pendenti biss fuq dan l-ammont, kontestat mill-konvenut. Fl-ahhar nett ix-xhud semma li l-konvenut ipprova jhallas l-ammont li ma kienx kontestat minnu permezz ta’ ‘cheque’ li pero’ ma kienx accettat mis-socjeta attrici peress li hu “….ried li jkun ‘in full and final settlement’”. Xhud iehor prodott mis-socjeta attrici kien Franco Camilleri (fol 37 et seq ibid) li spjega illi meta saret l-ordni in kwistjoni, il-konvenut kien gie flimkien ma’ familjari tieghu kif ukoll il-hajjata inkariga minnu mill-hjata tal-purtieri li kienu ser jitpoggew ‘principalment fid-dar tieghu’. L-istess xhud kien hadem il-‘quotation’ li tinsab a fol 32 sa fol 34 tal-atti. Dwar l-istess ‘quatation’ hu ssottolinea li “…. Kull kamra kellha t-total taghha indikat”. B’kollox tmint ikmamar “oltre xi extra”. Pero li gara kien li sar zball fis-sens li “Fl-istima originali, tnejn mill-kmamar ma kienux gew inklusi … Pero’ fil-‘quotation’ ghal kull kamra kien hemm it-total korrett’. Meta, sussegwentement, bdew jintbaghtu il-kontijiet bl-ammont korrett, il-konvenut ma kienx hallas il-bilanc dovut.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenut, xehed hu stess (fol 42 u fol 68 u fol 77 et seq ibid) u dan biex jghid illi meta kien ra l-‘quotation’ , hu ma kienx ra jew esamina l-‘quotation’ ghal kull kamra izda dik finali u totali. Sussegwentement, hu kien hallas id-depositu ta’ Lm750 imsemmi bl-ircevuti relattivi, a fol 51 ibid, mahruga mis-‘salesgirl’ tas-socjeta

attrici fuq isem “c/o Mario Spiteri, Marcarm Services Company Ltd”. Inoltre hu kien ircieva ‘statement’ mibghut lil din is-socjeta’ li ghada kemm issemmiet minn dik attrici (ara fol 52 ibid) ma liema “statement” hu kien jaqbel mieghu ‘qua’ kontenut. Pero’ kien ircieva ittra (ara fol 53 ibid) minghand l-istess socjeta attrici fejn hu oggezzjona ghal dawk il-partijiet taghha li huma ‘highlighted”. Difatti s-socjeta attrici kienet accettat illi l-ammont dovut kien Lm1650, liema somma , pero’, xorta wahda ma kienetx accettabbli ghalih bhala bilanc dovut minnu. Pero' hu xehed ukoll testwalment “Fil-fatt, qalu li kienu hadu zball meta ghaddew l-“ ‘invoices’ kollha … dan huwa minnu …. l-izball kien fil-figura finali … “total price’ “ u “a basi tal-konteggi li jiena ghamilt kamra b’kamra jirrizultali l-ammont fl-avviz huwa korrett”. Hu spjega dan billi assuma illi kien inghata skont fil-prezz avolja qatt ma kien gie diskuss dan l-iskont waqt in-negozjati. Dwar dan il-punt, pero’, hu ikkorega ruhu billi qal, illi effettivament, kien gie informat li kien ser jinghata skont (ara ukoll ix-xhieda ta’ Caroline Zammit, bint Mario Spiteri a fol 70 u 71 ibid u ta’ martu Carmen Spiteri, a fol 75 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, bhala fatt, jidher mill-provi kif esposti illi s-socjeta’ attrici kienet bieghet u kkonsenjat certa kwantita ta’ pezzez ta’ drapp sabiex jintuzaw fid-dar ta’ residenza tal-konjugi Spiteri. Pero, jidher li u dan il-fatt hu ammess mill-istess Mario Spiteri illi kien sar zball fil-kontegg finali meta saret il-‘quotation’ in rigward il-materjal mibjugh u konsenjat mis-socjeta attrici, liema zball gie skopert xi zmien wara li saret l-istess konsenja. Dwar dan ghandu jigi notat illi l-‘quotation’ kif accettata tinkludi l-prezzijiet, kamra b’kamra in rigward ir-residenza tla-konjugi Spiteri, liema prezzijiet huma korretti u jinkludu, fihom, skont fil-prezzijiet.

Illi l-istess Mario Spiteri avolja qed jammetti li sar dan l-izball fil-kontegg finali qed jsostni illi l-prezz miftiehem hu dak sbaljat. Pero jidher evidenti ukoll illi dan ma jreggiex fic-cirkostanzi evidenti ta’ dan il-kaz. Dwar dan il-punt ma hix sostenibbli dak li qal l-istess Mario Spiteri fis-sens illi

hu ta kaz, biss, tal-ammont totali waqt li injora dak li gie mnizzel u miftiehem fl-istess ‘quotation’ b’referenza ghal kull kamra fir-residenza tieghu. Fi ftit kliem, jidher li l-istess Mario Spiteri qed jaghmel tentattiv sabiex jisfrutta l-izball fil-kontegg tal-ammont totali, u b’hekk jivvantagga ruhu mill-istess zball.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, trattasi ta’ kuntratt ta’ bejgh/ xiri, dan hu konsiderat bhala komplet meta l-partijiet jaqblu fuq il-haga li ghandha tigi konsenjata kif ukoll fuq il-prezz relattiv li ghandu jithallas mill-kompratur. Fil-kaz in desamina ma kien hemm ebda lment ta’ kwalunkwe xorta dwar il-materjal mibjugh u konsenjat mis-socjeta attrici. In rigward il-prezz, il-Qorti tara li dak li filfatt gie miftiehem hu dak risultanti mill-‘quotation’ imsemmija cjoe mhix dak indikat bhala l-prezz totali, li hu zbaljat, izda dak risultanti mill-addizzjoni ta’ kull ‘item’ , kamra b’kamra, kif specifikat fl-stess addizzjoni. Ghalhekk it-tieni (2) eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni jidher minn dokumenti esebiti mis-socjeta attrici stess illi Mario Spiteri kien qed jagixxi f’dan il-kaz f’isem is-socjeta hemm imsemmija, avolja jidher evidenti ukoll illi l-materjal in esami kien intiz sabiex jintuza fir-residenza tal-konjugi Spiteri. Dan il-punt jirrisulta mill-‘statement’ esebit a fol 19 u mill-fatturi annessi a fol 21 et seq ibid. Inoltre l-istess Mario Spiteri esebixxa ircevuta li inharget mis-socjeta attrici meta thallas id-‘depositu’ hawn fuq imsemmi, liema ircevuta tindika, b’mod car, li l-hlas kien gie effettwat mis-socjeta ‘Marcarm Services Company Limited” (ara ukoll fol 53 kif ukoll iz-zewg ircevuti esebiti in fotokopja a fol 54, dejjem tal-istess atti). Ghalhekk, f’dan il-kaz jidher li d-debitur hu, effettivament, Mario Spiteri mhux personalment izda f’isem is-socjeta li ghadha kemm giet imsemmija.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tillibera lil Mario Spiteri, personalment, mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa’ t-

talba attrici fil-konfront tal-istess Mario Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Marcarm Services Company Limited u tikkundanna lill-istess Mario Spiteri fil-kwalita tieghu premessa, sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1650.79,0 bl-imghax legali mis-6 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------